# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 760/21/1 NC**

**Dorian Dalli u Jeremy Dalli**

**v.**

**Portem Tourism Ventures Limited (C-68829)**

1. Il-konvenuta appellat mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-17 ta' Mejju 2022 u li biha kkundannata tħallas lill-atturi s-somma ta' €31,111.38 bl-imgħax.

2. Il-fatti rilevanti għall-appell tal-konvenuta huma s-segwenti:

i. Fis-7 ta' April 2017 il-partijiet iffirmaw skrittura privata li biha l-atturi biegħu lill-konvenuta *fixtures*, *fittings* u *furnishings* li jinsabu fil-fond Metropolis Bistro, Valletta għall-prezz ta' €100,000. L-iskrittura tipprovdi għall-modalità ta' ħlas ta' dik is-somma, bil-bilanċ ta' €80,000 kellu jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €2,222.22 kull xahar, l-ewwel ħlas isir fis-7 ta' Mejju 2017.

ii. Fl-iskrittura jingħad li jekk il-konvenuta tkun moruża fil-ħlas ta' żewġ pagamenti u tiġi avżata li hi moruża u tibqa' ma tħallasx fi żmien ħmistax-il jum, titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ammont kollu jsir dovut. Inoltre, l-imgħax isir dovut bl-ogħla rata li tippermetti l-liġi.

iii. B'ittra uffiċjali (1018/2019) preżentata fil-15 ta' Marzu 2019 l-atturi sejħu lill-konvenuta biex tħallas €17,777.77 fi żmien ħmistax-il ġurnata, u fin-nuqqas titlef il-benefiċċju tat-terminu u tkun dovuta s-somma li fadal ta' €46,666.62. Mir-riferti jirriżulta li fil-25 ta' Marzu 2019 il-konvenuta kienet notifikata bl-ittra uffiċjali.

iv. B'rikors maħluf preżentat fit-2 ta' Awwissu 2021 l-atturi fetħu kawża bil-proċedura speċjali sommarja u talbu li l-kawża tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ (Art. 167 tal-Kap. 12), u sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallasha €31,111.38, bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali 1018/2019.

v. Minkejja sitt tentattivi ta' notifika tar-rikors maħluf u avviż ta' smigħ, ir-riferti tal-uffiċjal eżekuttiv kienu kollha negattivi.

vi. B'digriet mogħti fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 l-Ewwel Qorti awtorizzat in-notifika permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni (Gazzetta tal-Gvern u żewġ gazzetti lokali ta' kuljum, waħda bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż).

vii. Fl-1 ta' Diċembru 2021 saret l-affissjoni. Fil-11 ta' Frar 2022 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Fit-23 ta' Marzu 2022 saret pubblikazzjoni f'żewġ gazzetti lokali ta' kuljum.

viii. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 xehed l-attur Dorian Dalli li kkonferma li l-ammont mitlub kien għadu ma tħallasx. Dakinhar ħadd ma deher għas-soċjetà konvenuta.

ix. Fis-17 ta' Mejju 2022 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet u kkundannat lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' €31,111.38 bl-imgħax legali u spejjeż kontra l-konvenuta.

x. Fit-30 ta' Mejju 2022 il-konvenuta appellat mis-sentenza filwaqt li l-atturi wieġbu fl-10 ta' Awwissu 2023.

<u>L-ewwel aggravju</u>.

3. Il-konvenuta argumentat li s-sentenza appellata hi nulla għaliex fis-smigħ ma ġiex osservat it-termini legali, ċjoè li s-smigħ isir *"mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika"* (Art. 169 tal-Kap. 12).

4. Però l-proviso tal-Artikolu 169 jipprovdi:

> *"Iżda fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda, għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati"*.

5. F'dan il-każ, in-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni twettqet bl-aħħar pubblikazzjoni f'gazzetti lokali, li saret fit-23 ta' Marzu 2022. Għalhekk skont Art. 187(3) tal-Kap. 12:

> *"F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol waral-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħletil-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard"*.

6. Is-seduta li saret wara dik id-data kienet fis-17 ta' Mejju 2022, jiġifieri mhux iktar kmieni minn ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tal-atti lill-konvenuta. Però s-smigħ sar fis-17 ta' Mejju 2022 u għalhekk *"aktar tard minn tletin jum min-notifika"*. M'għandhiex raġun il-konvenuta meta qalet li dak il-fatt wassal sabiex ma baqgħetx tapplika l-proċedura bil-

giljottina. Il-proviso tal-Art. 169 tal-Kap. 12 hu ċar li l-proċediment sommarju speċjali ma jieqafx.

7. Il-Qorti ma tarax li dak il-fatt wassal għal xi preġudizzju lill-konvenuta, peress li *semmai* rebħet iktar żmien biex tipprepara ruħha għas-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 u żgur li d-drittijiet tagħha ma ġewx preġudikati. Madankollu fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 ħadd ma deher għaliha, u l-konvenuta ma pprovatx tiġġustifika dak in-nuqqas.

8. Fl-aħħarnett il-konvenuta għamlet referenza għar-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 139 tal-2004 li jipprovdi meta huma l-perjodi ta' ferjat u li normalment ma jsirux seduti matul dawk il-perjodi. Regolament li mhuwiex rilevanti għall-każ in eżami peress li s-seduta ma saritx matul il-ferjat.

9. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

<u>It-tieni aggravju</u>.

10. Fit-tieni aggravju l-konvenuta argumentat li mid-dokumenti mehmuża mar-rikors maħluf jidher li hemm ineżattezzi u kontradizzjonijiet, u għalhekk l-ammont mhuwiex ċert likwidu u dovut, u l-konvenuta għandha eċċezzjonijiet x'tagħti fis-sens li l-ammont mitlub

mhuwiex kollu dovut. Kompliet li wara l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu 2019 saru pagamenti oħra u għalhekk kellha tintbagħat ittra uffiċjali oħra skont l-iskrittura tas-7 ta' April 2017.

11. Wara li l-Qorti rat l-atti tosserva:

i. L-attur Dorian Dalli kkonferma f'affidavit u wkoll fis-seduta li l-ammont mitlub fir-rikors maħluf hu dak li hu dovut mill-konvenuta;

ii. L-ammont li ntalab mill-atturi hu proprju dak tal-aħħar erbatax-il pagament (ara Dok. DD2 a fol. 13) li suppost saru fil-perjodu bejn Marzu 2019 u April 2020.

iii. Wara li għaddew ħmistax-il jum min-notifika tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu 2019 u baqa' ma sarx il-ħlas, il-konvenuta tilfet il-benefiċċju tat-terminu. Mid-dokument a fol. 13 jirriżulta li wara dik l-ittra uffiċjali l-pagament li jmiss sar fl-aħħar ta' Ġunju 2019. Il-fatt li wara li l-konvenuta tilfet il-benefiċċju tat-terminu, għamlet pagamenti oħra ma jfissirx li b'daqshekk reġgħet tat ħajja lill-benefiċċju tat-terminu li jissemma fi klawsola 5 tal-iskrittura privata.

12. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjeż kollha kontriha.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm